**10 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Cammileri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

Emanuel Cardona *et*

*versus*

Dr. Graham Busuttil *et*

## Azzjoni għal Serviġi - Likwidazzjoni - Diskrezzjoni tal-Qorti - Imgħaxijiet

*Il-Qorti ta' l-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza (fil-każ in eżami dwar likwidazzjoni ta' serviġi) ħlief meta jkun hemm raġunijiet serji.*

*L-appellanti ppretendew li l-imgħaxijiet kellhom ikunu kkomputati mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni, u mhux mid-data tas-sentenza. Din il-pretensjoni ma tistax tintlaqa' minħabba li l-prinċipju legali li jgħodd għall-każ hu li* in illiquidis non fit mora.

Il-Qorti:-

Fis-17 ta' Ġunju, 1992 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-14 ta' Settembru, 1989 li permezz tagħha l-atturi wara li ppremettew illi Giuseppi Deguara miet fil-11 ta' Marzu, 1989 illi l-konvenuti *nomine* jirrappreżentaw lill-eredita` ġjaċenti ta' Giuseppi Deguara u dana skond digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Ġunju, 1989 li jġib in-numru ....; illi l-atturi kkuraw u ħadu ħsieb in-neċessitajiet ta' l-istess Giuseppi Deguara għal snin twal qabel mewtu kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u b'hekk irrendewlu serviġi sostanzjali

għal kull fini u effett tal-liġi; illi l-istess Giuseppi Deguara dejjem irrikonoxxa l-imsemmija serviġi fl-intier tagħhom u dejjem wiegħed li ried u kien intenzjonat illi jikkompensa lill-atturi adegwatament, iżda ma laħaqx għamel hekk minħabba mewt improvisa; illi l-konvenuti *nomine* interpellati permezz ta' ittra uffiċjali tat-13 ta' Ġunju, 1989 biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tas-serviġi reżi lill-imsemmi Giuseppi Deguara, naqsu li jagħmlu dan, **talbu** li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli għall-ħlas tas-serviġi reżi mill-atturi lil Giuseppi Deguara,

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi fir-rigward ta' l-istess serviġi, u

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi bħala ħlas għas-serviġi minnhom reżi lil Giuseppi Deguara;

Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ġunju, 1989 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti *nomine*, minn issa nġunti biex jidhru u għas-subizzjoni;

*Omissis*;

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Ġunju, 1990 li permezz tiegħu Joseph Grech u Paul Grech ġew awtorizzati jassumu l-atti tal-kawża;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Grech ippreżentata fit-2 ta' Lulju, 1990 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt għax ma huwiex minnu li ġew reżi s-servizzi msemmija;

2. Illi mingħajr ebda preġudizzju u subordinatament għall-istess, l-ammont mitlub huwa assolutament esaġerat;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:-

Illi f'din il-kawża qed jiġi allegat li l-atturi pprestaw serviġi lill-mejjet Giuseppi Deguara għal diversi snin u li konsegwentement qed jintalab li dawn jiġu likwidati minn din il-Qorti u li l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsu l-ammont hekk likwidat;

Illi l-konvenuti qed jirreżistu t-talba attriċi billi qed jingħad li ma ġewx reżi serviġi u fi kwalunkwe każ l-ammont mitlub huwa esaġerat;

Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet huma kontradittorji inkwantu, jew ma ġewx reżi serviġi u għalhekk it-talba għandha tiġi miċħuda jew it-talba hija eċċessiva u għalhekk filwaqt li din tammonta għal ammissjoni da parti tal-konvenuti, huwa l-ammont mitlub li qed jiġi kkontestat;

Illi għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni l-Assistent Ġudizzjarju osserva tajjeb li ġaladarba ma hemmx ammont stabbilit fit-talba u l-Qorti qed tiġi mitluba tillikwida l-ammont dovut, din l-eċċezzjoni ma tagħmilx sens u konsegwentement għandha tiġi miċħuda;

*Omissis*;

Kontra din ix-xhieda l-konvenuti resqu diversi persuni li fis-sustanza qalu li dan Giuseppi Deguara ma kienx ikun irid min jaqdih billi kien jagħmel kollox hu, li d-dar kienet tinsab fi stat maħmuġ bħal dik ta' wieħed qed jgħix waħdu. Dana ma jfissirx pero` li l-atturi ma rrendewx is-serviġi minnhom allegati. Dawn prinċipalment kienu jikkonsistu f'ħasil tal-ħwejjeġ u tisjir u anke tindif tad-dar u xogħol fil-ġnien. L-attriċi kellha d-dar tagħha x'tieħu ħsieb ukoll u għalhekk ma kienx mistenni li toqgħod il-ħin kollu ma' l-istess Deguara biex torganizzalu d-dar speċjalment meta huwa kien kapaċi jagħmel xi affarijiet bħal ma xehed l-istess Dr. Carmelo Camilleri Ceci;

Mill-provi prodotti jidher għalhekk li l-allegazzjoni ta' l-atturi tirriżulta ppruvata u li dawn effettivament irrendew serviġi lill-mejjet Giuseppi Deguara għal bosta snin u li dawna, għalkemm reżi b'imħabba lejn l-istess Deguara, dejjem kien hemm aspettativa ta' kumpens;

Illi l-Assistent Ġudizzjarju tenut kont tal-prestazzjonijiet ta' l-atturi u t-tul ta' żmien li dawn is-serviġi ġew reżi, illikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800). Il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tħoss li din is-somma hija ġusta għalkemm il-likwidazzjoni ma saritx b'referenza speċifika għal kull servizz reż jew għaż-żmien li dan ġie mogħti. Il-Qorti ma hijiex tenuta tadotta sistema ta' likwidazzjoni partikolari u f'ċerti każi d-diskrezzjoni tal-Qorti jimla dak il-vojt li tħalli l-istess liġi. Ta' min jgħid li jekk il-kumpens kellu jiġi likwidat *dietim* b'referenza għas-serviġi reżi, il-probabilita` tkun li l-ammont finalment likwidat jista' jeċċedi dak issuġġerit mill-istess asssistent ġudizzjarju;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti filwaqt li tiċħad l-

eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara li l-atturi rrendew serviġi lil Giuseppi Deguara, tillikwida l-kumpens dovut fis-somma komplessiva ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* jħallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi bl-imgħax legali mil-lum;

L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-konvenuti *nomine*";

L-atturi ħassewhom aggravati b'din is-sentenza u appellaw minnha. Huma ressqu żewġ aggravji u ċjoe' li l-ammont ta' kompens likwidat fis-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) kien baxx wisq meta jitqies li s-serviġi kienu ta' entita' sostanzjali u ġew reżi fuq medda twila ta' snin. It-tieni aggravju hu li kien ikun aktar ġust li minflok ma l-interessi jgħaddu mid-data tas-sentenza (kif ġie ordnat fis-sentenza appellata) dawn jiddekorru mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni. L-appellanti talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-17 ta' Ġunju, 1992 fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi:

(1) Tikkonferma kwantu laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat illi l-esponenti rrendew serviġi lil Giuseppi Deguara; u

(2) tirrevokaha kwantu tirrigwarda l-ammont ta' kumpens likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi din il-Qorti mill-ġdid tillikwida kumpens ferm aktar fir-rigward tas-serviġi reżi mill-esponenti lil Giuseppi Deguara; u

tikkundanna lill-istess konvenuti *nomine* appellati li jħallsu l-ammont hekk likwidat minn din il-Qorti ta' l-Appell, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti *nomine* appellati;

Il-konvenuti, fir-risposta tagħhom irrispondew li s-sentenza appellata kienet ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż;

Illi din il-Qorti hija sodisfatta li l-atturi rrendew serviġi diversi, b'ċerta assidwita`, għal ċirka 27 sena lil Giuseppi Deguara. Mix-xhieda mhix kontradetta ta' l-atturi rriżulta li huma kellhom il-ħsieb li jitħallsu ta' dawn is-serviġi, u mill-banda l-oħra, Giuseppi Deguara kien jgħidilhom li kellu l-ħsieb li jikkompensahom għaliex kien jgħidilhom li dak li kellu hu, kien għalihom. Għalhekk, l-atturi għamlu prova sodisfaċenti li ħaqqhom kumpens għas-serviġi li rrendew lil Giuseppi Deguara;

In-natura tas-serviġi tirriżulta minn dak li xehdu l-atturi. Il-konvenuti allegaw li l-pretensjonijiet ta' l-atturi kienu esaġerati, iżda, kollox ma' kollox, il-kredibilita` ta' l-atturi ma ġietx serjament ferita;

Irriżulta li dawn is-serviġi ngħataw fuq medda twila ta' sebgħa u għoxrin (27) sena u kienu varji ħafna u ta' natura sostanzjali. Inoltre rriżulta li l-atturi batew telf ta' flus konsistenti fil-ħlas ta' spejjeż in konessjoni ma' proċeduri ġudizzjarji li Deguara kien involut fihom; telf ta' paga meta l-attur kien ikollu jitlaq minn fuq ix-xogħol, biex jassisti lil Deguara; provvista ta' ikel, bħal tiġieġ u ħut, b'ċerta konsistenza u regolarita` u anke l-ħlas ta' l-ispejjeż tal-funeral ta' Deguara. Ħlief għal din l-aħħar partita (li tammonta għas-somma ta' mitejn u ħdax il-lira (Lm211) skond id-Dok. A a fol. 116 ippreżentat mill-atturi mal-petizzjoni ta' l-appell) fil-proċess ma hemm xejn ikkwantifikat b'ċerta preċiżjoni;

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti illikwidat kumpens fis-somma komplessiva ta' Lm800 billli aċċettat bħala ġusta l-likwidazzjoni li għamel l-Assistent Ġudizzjarju *arbitrio boni viri*, mingħajr ma ngħatat ebda raġuni oħra li a bażi tagħha saret il-kalkolazzjoni relattiva. Ta' min igħid hawn illi l-ewwel Onorabbli Qorti ħasset in-neċessita` li tirrimarka:

"Li jekk il-kumpens kellu jiġi likwidat *dietim* b'referenza għas-serviġi reżi, il-probabilita` tkun li l-ammont finalment likwidat jista' jeċċedi dak suġġerit mill-istess Assistent Ġudizzjarju";

Illi din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, ħlief meta jkun hemm raġunijiet serji;

Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ għandu jiġi likwidat ammont akbar minn dak ta' tmien ċenteżmi kuljum li ġie effettivament likwidat fis-sentenza appellata, sabiex il-kumpens jirrifletti b'mod aktar ġust ir-rabta eżistenti bejn l-atturi u l-mejjet u l-assidwita` u n-natura tas-serviġi reżi minnhom. Il-Qorti jidhrilha li kumpens fuq bażi ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu kuljum, moltiplikat biż-żmien (27 sena) li matulu damu jingħataw is-serviġi, ikun fiċ-ċirkostanzi, kumpens ġust u ekwu. B'hekk il-kumpens jammonta għas-somma komplessiva ta' elfejn, erba' mija u tliet u sittin lira Maltija (Lm2463) (0.25 x 365 x 27 = Lm2463). Ma' din is-somma għandha tiżdied is-somma ta' Lm211 li l-atturi rriżulta li ħallsu għall-funeral ta' Giuseppi Deguara. Għalhekk, l-ammont kollu dovut lill-atturi qiegħed jiġi likwidat fis-somma ta' Lm2674 (elfejn sitt mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija;

It-tieni aggravju ta' l-atturi appellanti jikkonċerna l-pretensjoni tagħhom li l-imgħaxijiet jiġu kkomputati mid-data tan-notifika taċ-

ċitazzjoni u mhux mid-data tas-senetenza. Din il-pretensjoni ma tistax tintlaqa' minħabba li l-prinċipju legali li jgħodd għall-każ hu li *in illiquidis non fit mora*. Ma rriżultax li l-atturi qatt illikwidaw unilateralment is-somma li kienu qegħdin jippretendu u li talbu din l-istess somma lill-eredi ta' Giuseppi Deguara u għalhekk, f'dan il-każ, ċertament il-lament ta' l-atturi dwar l-imgħaxijiet huwa insostenibbli;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi:

Tikkonfermaha in kwantu laqgħet it-talbiet ta' l-atturi u ddikjarat lill-konvenuti *nomine* responsabbli għall-ħlas tas-serviġi reżi mill-atturi lil Giuseppi Deguara;

Tirrevokaha in kwantu s-sentenza appellata illikwidat il-kumpens dovut lill-atturi fis-somma ta' tmien mitt lira Maltija (Lm800) u minflok tillikwida tali kumpens fis-somma ta' elfejn, sitt mija u erbgħa u sebgħin lira Maltija (Lm2674) u konsegwentement;

Tikkundanna lill-appellati konvenuti *nomine* li jħallsu din is-somma ta' Lm2674 lill-atturi bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza;

Fl-aħħarnett tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellati konvenuti *nomine*.